MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1349/2003

**Farrugia Nikola u martu Farrugia Maria Eugenia ghal kull interess li jista jkollha**

**Vs**

**Mangion Arturo u martu Mangion Carmela ghal kull interess li jista jkollha**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Lulju 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1,311 (elf tlett mija u hdax-il Lira Maltin) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh nhar it-12 ta' Settembru 2002 gewaa Hal Qormi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi fit-12 ta' Settembru 2002, ghall-habta tas-1.45pm, il-partijiet kienu nvoluti f'incident stradali, li gara f'Imdina Road c/w M.Dimech Street, Qormi.

Illi l-istess incident stradali gara unikament tort tal-konvenut u fil-fatt l-assikurazzjoni tieghu, England Insurance Agency Limited, bhala agent tal-Middle Sea Insurance plc, f'ismu accettat ir-responsabilita ghall-istess incident u hallset lill-attur biex issewwiet il-hsara fil-vettura tieghu numru FBL 075.

Illi l-parts necessarji biex tissewwa l-hsara fil-vettura ta' l-attur kienu 'out of stock' u kellhom jingiebu minn barra. B'rizultat ta' dan, l-attur ma setax juza l-vettura tieghu bejn it-13 ta' Settembru 2002 u l-24 ta' Jannar 2003, kif ukoll bejn is-6 u l-10 t'April 2003, sakemm tlestew it-tiswijiet necessarji.

Illi, billi l-attur juza l-vettura FBL 075 ghax-xoghol tieghu, sakemm din kienet qed tissewwa kellu bilfors jikri vettura ohra u l-ispiza ghall-istess ammontat ghal Lm1311 (elf tlett mija u hdax il-lira maltija) skond il-kontijiet annessi – DOK A u B – li taghhom l-attur baqa ma thallasx.

Illi ghalhekk il-konvenut illum huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm1311 oltre l-interessi fuq l-istess ammont mid-data tal-hlas sad-data ta' l-effettiv pagament.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1311 (elf tlett mija w hdax il-lira maltija) dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi mid-data tal-hlas sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Gunju 2003, kontra l-istess konvneut, minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-ispejjez u danni inkorsi mill-attur.
2. Illi bla pregudizzju, l-ammont pretiz huwa esagerat.
3. Illi l-atturi kellhom se mai jimmitigaw id-danni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attrici tirrigwardja talba ta’ hlas ta’ ‘loss of use’ tal-vettura tieghu li kienet involuta f’incident automobilistiku ma’ vettura misjuqa mill-konvenut. Is-socjeta` assiguratrici tal-vettura tal-konvenut assumiet ir-responsabbilita ta’ l-incident f’isem il-konvenut. Pero’ halset biss mitejn u hamsin lira flus maltin (Lm250) – ghax hekk tghid il-polza. Pero’ il-polza ta’ assigurazzjoni hija kuntratt aleatorju bejn is-socjeta` assiguratrici u l-assigurat taghha (l-odjern konvenut). Ghall-atturi r-relazzjoni kontrattwali ta’ bejniethom hija “res inter alios acta”.

Illi l-atturi rnexxilhom jaghmlu l-prova li effettivament il-vettura tieghu damet daqshekk biex tissewwa. Il-fatt ta’ nuqqas ta’ ‘parts’ ma kienx dipendenti fuqhu. Fejn seta’ espleta l-inkarigu dover tieghu li jimmunizza d-danni billi hadem bih anki jekk ma kienx kompletat.

Illi l-konvenut ma gab l-ebda prova li l-attur naqas fic-cirkostanzi, anzi l-istess socjeta assiguratrici tal-konvenut ma kkontestatx dan il-fatt.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundannhom ihallsu s-somma ta’ elf tlett mija u hdax-il lira flus maltin (Lm1311) bl-ispejjez u nteressi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti, salv kull dritt sia et quatenus kontra Middlesea Insurance plc kif rapprezentata minn England Insurance Agency Limited ghar-risarciment tal-istess danni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------